MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Numru 500/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jose Edgar Pena et**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Jose Edgar Pena ta’ l-24 ta’ Gunju 2008 – rikors li fl-intestatura tieghu gie indikat bhala li qed isir skond l-Artikoli 412B u 602 tal-Kodici Kriminali – li permezz tieghu huwa talab li jigi illiberat skond id-disposizzjoni ta’ l-imsemmi Artikolu 602 u dan peress li, skond hu, l-Avukat Generali ma pprezentax fiz-zmien li jmiss l-att ta’ l-akkuza;

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali tal-25 ta’ Gunju 2008;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Joseph Brincat ghar-rikorrent u l-Assistant Avukat Generali Dott.

Anthony Barbara ghall-Avukat Generali – fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

Il-partijiet jaqblu li fil-kors ta’ l-istruttorja li ghadha ghaddejja f’dan il-kaz – ovvjament bhalissa l-atti jinsabu rinvjati ghand l-Avukat Generali – gara li wara rinviju minnhom u wara li l-Qorti Istruttorja ghamlet dak mitlub mill-Avukat Generali, l-atti gew rinvjati lill-istess Avukat Generali u waslu ghandu fid-9 ta’ Mejju 2008 (jum il-Gimgha). Jaqblu wkoll il-partijiet li l-Avukat Generali, flok ma pprezenta l-att ta’ l-akkuza, talab proproga skond l-Artikolu 432(1) tal-Kodici Kriminali, liema rikors ghall-estensjoni taz-zmien gie pprezentat quddiem din il-Qorti fid-9 ta’ Gunju 2008 (jum it-Tnejn). Ir-rikorrent Pena jikkontendi li dana r-rikors sar tardivament b’mod li kullma sar wara, inkluzi rinviji ohra, huwa invalidu u b’mod ukoll li allura huwa qieghed jinzamm arrestat illegalment. Jigi precizat li r-rikorrent inghata mill-Qorti Istruttorja l-helsien mill-arrest provvizorju taht garanzija, izda billi dana ma ottemperax ruhhu mal-kundizzjonijiet nru 3 u 4 tad-digriet ta’ dik il-qorti tat-12 ta’ Gunju 2008 (cioe` ma ddepozitax is-somma ta’ Euro 15,000 u ma ghamilx garanzija personali ta’ hmistax-il elf Euro ohra) huwa ghadu arrestat. Ir-rikors odjern, pero`, m’ghandux x’jaqsam ma’ dan id-digriet.

Dak li qed jikkontendi r-rikorrent hu, kif diga` nghad, li r-rikors ghall-prroga sar tardivament, ghax l-imsemmi rikors kellu jsir fit-8 ta’ Gunju 2008 (li kien jum il-Hadd) u mhux fid-9 kif effettivament sar.

Din il-Qorti semplicement ma taqbilx ma’ din it-tezi tar-rikorrent. Galadarba l-ligi titkellem dwar zmien xahar (li ghandu l-Avukat Generali) biex jaghmel l-att ta’ l-akkuza, jew biex jitlob il-proroga, jew biex jerga’ jirrinvija lill-Qorti Istruttorja – hemm possibilitajiet ohra li din il-Qorti ma tarax li ghandha tidhol fihom ghall-finijiet tar-rikors *de quo* – dan it-terminu kien jiskadi fid-9 ta’ Gunju 2008, u dan skond dak li jipprovdi l-Artikolu 103 tal-Kap. 12 (rez applikabbli ghall-proceduri penali bl-Artikolu 520(1)(b) tal-

Kap. 9) li “ix-xahar u s-sena jinghaddu skond il-kalendarju”.

Pero` anke li kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument u ghall-grazzja ta’ l-argument biss, wiehed kellu jghid li t-terminu kien jiskadi fit-8 ta’ Mejju, din il-gurnata kienet jum il-Hadd, u ghalhekk, b’applikazzjoni ta’ l-Artikoli 108 u 109(1) tal-Kap. 12 u tar-regolament 10(1) ta’ l-A.L. 139/2004, it-terminu kien effettivament jigi jaghlaq fid-9 ta’ Gunju 2008. Ebda argument kuntrarju ma jista’ jitnissel mill-fatt li nbidlet id-dicitura ta’ l-imsemmi Artikolu 109 bl-emendi introdotti bl-Att XXIV ta’ l-1995.

Ghalhekk, kuntrarjament minn dak li qed jigi allegat mir-rikorrent odjern, it-talba ghall-prororoga saret fit-terminu stabbilit mill-ligi.

Konsegwentement din il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrent Jose Edgar Pena kif kontenuta fir-rikors ta’ l-24 ta’ Gunju 2008.

**Prim Imhallef.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------